*Il-mewġ ukoll issieħeb flimkien magħhom,*
*Iżd'huma għaddewh lill-mewġ f'diż-żifna hienja*
*Għax kienu sbieħ tassew. B'kemm ġmiel sebbaħhom*
*Sid il-ħolqien! U kif jhennu 'l-poëta*
*Li fis jissieħeb hieni fl-għanja tagħhom.*
*Xi ġmiel, u x'ferħ did-dehra nisslet f'qalbi!*

*Għax spiss f'ħin il-mistrieħ, quddiem għajnejja*
*Narhom bil-ħsieb fil-ħemda ta' kull lejla,*
*Fis-skiet, o x'ferħ! Qishom iħarsu lejja!*
*U qalbi nħossha ttir bil-ferħ ġe' fija,*
*U dmugħ il-hena jġelben fuq ħaddejja*
*Biex huwa wkoll jissieħeb mar-ranġiż.*

Fr. Cherubin M. Farrugia O.C.

## IBEN IL-POEŻIJA

*Inħoss li jiena iben*
*Il-poeżija,*
*Din l-Omm li tgħammar f'qalbi*
*Hemm ġew' moħbija.*

*Din l-Omm li f'moħħi ssaltan*
*Fil-ħsieb qawwija,*
*Li tkun fil-ħin tal-għana*
*Titkellem bija.*

*Mhux jien inkun qe'd ngħanni,*
*'Ma tkun din Ommi*
*Li tiġi fil-ħin tagħha*
*Titkellem b'fommi.*

*Tkun hi li tixgħel moħħi*
*Bl-għerf tas-sbuħija;*
*Tkun hi li tqiegħed f'ħolqi*
*Il-kliem qawwija.*

*Din l-Omm li xħin għanjieti*
*Jaraw iż-żieda?*
*Tkun tagħti ġewwa fija*
*Titkellem b'fommi.*

*Din l-Omm li biha qalbi*
*Tinsab mimlija;*
*Li jiena ngħix għaliha*
*U hi għalija;*

*Din l-Omm li biex 'il qalbi*
*Fis-skiet infejjaq*
*Tkun hi li tqiegħed f'ħalqi*
*Il-ferħ u d-dwejjaq.*

*Inħoss li jiena binha*
*Din l-Omm qawwija*
*Li flok twelidt jien fiha*
*Hi twieldet fija.*

VINCENT CARUANA

## ATTITUDINI INTERROGATIVA. IL-MOĦĦ JOQGĦOD:

*Xafra doppja dubju jifridni mill-maħbuba*
*jqatta' lil-Jien il-Kbir is-sies ta' ruħi mejta*
*u mill-lenbija żmien, il-lembuţ iqattarli l-jiem*
*forma ta' misluta.*
*F'ġuf belliegħa jdamdmu l-mistoqsija.*

*Bil-ġilda tleqq u l-leħja mqaxxra sewwa*
*ma nafx se jberren f'rasi f'nofs mument,*
*se jkun leħħa ta' berqa jew tul etern tremend,*
*fis-soprannaturali?*
*Ġismi jimxi waħdu, ħotba tiela' dahri.*

*Dan mhux staġun fl-infern, din sena sħiħa*
*u forsi aktar minn hekk dan ma jmutx ġo fija*
*u forsi nibqa' doppju bil-jien u l-ieħor fejnu*
*f'diċ-ċkejkna kreatura?*
*Hawwel wild id-dnub, bomba l-ħaxixa.*

*Hawħa faħma mħabbti u ġgant imgħaffeġ dini*
*b'thewdin id-dubju, saħħa f'qawwa mgħawġa*
*għamilni kif tarawni kobba mħabbla nervi, b'ġismi*
*forma ta' għaġuża.*
*Għajni barranija tħares fuq ta' ġewwa.*